14 ta' Ottubru, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. Alb. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Alfredo Zammit *versus* Emilia Poggi

**Interdizzjoni — Inabilitazzjoni — Prodigalità — Art. 960 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-istitut ta' interdizzjoni u inabilitazzjoni għandu bħala fundament etiku l-ġid tal-familja u tas-soċjetà, tant għall-effetti prossimi kemm għall-effetti remoti; b'mod li l-limitazzjoni tal-kapaċità, kif iridu l-liġijiet, barra milli tkun per neċessità difiża ġuridika għall-persuna li ma tkunx kapaċi, jimmiraw u huma ntiżi wkoll għad-difiża tas-soċjetà in generali.*

*Biex jiġi mogħti l-provvediment eċċezzjonali ta' l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni irid ikun hemm fil-persuna li għandha tiġi nkapaċitata dispożizzjoni għall-ħela u tberbiq.*

*Ma hemmx regola ġenerali sabiex biċ-ċertezza jiġi affermat li l-prodigalità hija fi kwalunkwe każ kawża jew motiv ta' inkapaċità li timmerita dan il-provvediment; imma l-kwistjoni hija mħollija għall-apprezzament tal-ġudikant; u dana għandu jara l-iskop ta' l-ispiża magħmula mill-persuna li tkun taħt proċess ta' interdizzjoni fid-dawl tal-ħsieb tal-ġeneralità tan-nies, apparti milli l-att irid ikun att tali ta' vera dissipazzjoni u li jkun inissel miegħu bħala konsegwenza, jekk mhux immedjata almenu medjata, ta' rovina jew dissipazzjoni ta' patrimonju.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li ppremetta li hu, quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, b'rikors tal-20 ta' Mejju 1944, li għalih tintagħmel ampja riferenza, espona li l-konvenuta ilha żmien twil timmaltrattah u taħqru immeritatament, u tagħmel preferenzi b'mod prodigu ma' Carmelo Zammit ħuh, talab li l-konvenuta, għall-prodigalità u għan-nuqqas ta' fakultajiet mentali, billi tagħmel atti ta' preferenza eżagerati, u għal ħwejjeġ oħra validi fil-liġi, tiġi interdetta għal kwalunkwe fini u effetti tal-liġi; illi s-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, b'digriet tat-2 ta' Ottubru 1944, innominat lill-Avukat Dr. Edgar Buhagiar biex, wara li jisma' x-xhieda u l-partijiet u jagħtihom il-ġurament, jirrelata jekk hemmx bażi għat-talba ta' l-interdizzjoni għal prodigalità u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li jkun hemm bżonn; illi l-imsemmi Perit Legali Dottor Buhagiar, wara li żamm sitt seduti u nstemgħu ħafna xhieda, b'relazzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 1946, li ġiet maħlufa fis-16 ta' Mejju 1946, li għaliha tingħamel riferenza — relazzjoni li qiegħda wara l-imsemmi rikors — wasal fil-konklużjoni li Emilia Poggi għandha tiġi poġġuta taħt is-sorveljanza ta' l-imsemmija Qorti Sekond'Awla, jew billi tiġi interdetta, jew inkella billi tiġi inabilitata milli tiddisponi mill-kapitali u ħwejjeġ oħra tagħha, speċjalment stabili, milli tagħmel mutwi, u milli tipoteka ħwejjiġha; illi l-konvenuta, wara li ġiet preżentata r-relazzjoni, ippreżentat nota fil-31 ta' Mejju 1946, li lanqas ġiet kommunikata lilu u għalhekk ma setax jirrispondi għaliha; u li l-imsemmija Sekond'Awla ta' din il-Qorti, b'digriet tas-7 ta' Ġunju 1946, billi ma rathiex ġustifikata biżżejjed biex tagħti l-provvediment mitlub fir-rikors, irrespinġiet it-talba tiegħu; talab li, wara li tkun premessa kull dikjarazzjoni u mogħti kull provvediment opportun, jiġi revokat l-imsemmi digriet mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fis-7 ta' Ġunju 1946, mogħti wara r-rikors tiegħu tal-20 ta' Mejju 1944, u konsegwentement, previja l-adozzjoni tar-relazzjoni ta' l-Avukat Dottor Edgar Buhagiar li kien il perit legali nominat mill-imsemmija Qorti Sekond'Awla wara l-imsemmi rikors tiegħu tal-20 ta' Mejju 1944, din il-Qorti tordna l-interdizzjoni tal-konvenuta għar-raġuni ta' prodiga-

litä jew għal ħwejjeġ oħra validi fil-liġi, kif jiġi pruvat quddiem din il-Qorti. Bl-ispeċjeż, kompriżi dawk inkorsi fis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti relativament għall-imsemmi rikors u atti relattivi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-attijiet tal-Qorti Ċivili Sekond'Awla, definiti bid-digriet nru. 1067/46, fuq ir-rikors ta' Afredo Zammit, li għalihom il-*partijiet* għamlu *riferenza, jirriżultaw dawn il-fattijiet* :— Ir-rikorrent Alfredo Zammit, attur f'din il-kawża, talab bir-rikors tiegħu nru. 765/44 l-interdizzjoni ta' ommu, il-konvenuta, wara li espona li kienet ta' żmien twil timmaltrattah u taħqru, u tagħmel preferenzi b'mod prodigu ma' ħuh Carmelo; u dina l-interdizzjoni talabha in bażi għall-prodigalità u għan-nuqqas tal-fakultajiet mentali tal-konvenuta; li ma tieni raġuni, milli jidher mill-inkartament fuq imsemmi, ġiet in segwitu abbandunata, u l-provi kollha li ġieb l-attur ġew konsegwentement konċentrati fuq ir-raġuni tal prodigalità;

Illi mill-provi li ġieb l-attur quddiem il-perit legali nominat definitivament minn dik il-Qorti sabiex jara u jeżamina kienx hemm jew le bażi għat-talba ta' l-interdizzjoni għal prodigalità, irriżulta illi l-familja tal-konvenuta hija tal-klassi tax-xogħol, li l-istess konvenuta kienet miżżewġa darbtejn u li kellha biss tlitt itfal mill-ewwel żwieġ, wieħed minnhom l-attur, l-ieħor Carmelo Zammit, ħu l-attur u l-akbar fost-*hom*, *u Giuseppa, il-lum mart Francesco Deidun. Irriżulta* wkoll illi meta miet l-ewwel raġel tal-konvenuta, li ma ħalla xejn ħlief l-inkwilinat ta' żewġ posti s-Suq tal-Belt, hija assumiet it-tmexxija tagħhom, u min-negozju li ħadet f'idejha marret 'il quddiem u kompliet f'dana x-xogħol għal ċirka 24 sena, sakemm spiċċat biex ċedietu, u bil-flus taċ-ċessjoni ddotat lil bintha. Irriżulta wkoll illi l-konvenuta xtrat xi kwoti ta' stabili l-Belt b'ammont ta' £650 li ġabret, u dawn l-istabili qiegħda tgawdi l-kera tagħhom. Fl-aħħarnett irriżulta illi l-konvenuta li l-lum għandha xi 73 sena, għandha l-ħajta tad-deheb tagħha, u fl-1944 kellha madwar £200 imfaddla bil-għaqal tagħha. Fl-aħħarnett jirriżulta illi r-rikorrent huwa ta' temperament differenti minn ħuh Carmelo, li għalkemm

f'żogħritu kien daqsxejn ħaj u mhux tant korrett, però in segwitu, bl-età tar-raġuni rranġa, u l-lum jinsab, kif jidher mill-provi, miġbur mal-familja tiegħu. Jingħad ukoll illi l-fortuna ma tantx għenet lir-rikorrent, u tant mentalment kemm finanzjarjament huwa inferjuri għal Carmelo Zammit, li għandu dispożizzjoni derivata mill-ħajja tas-safar, u huwa aktar intraprendenti. Huwa fatt li Carmelo qala' dejjem flus aktar mill-attur; imma t-tnejn għinu 'l ommhom, għalkemm, għar-raġuni li ntqalet, fi proporzjon differenti u sfavorevoli għall-attur;

Illi l-aggravji ta' l-attur kontra ommu, u li għalihom huwa jrid jinterdiċiha, huma dupliċi, biċċa minnhom ta' indoli personali fil-konfronti tiegħu, fis-sens li ommu minn dejjem ta' dejjem kienet tittrattah ħażin, rapporti li fil-ħsieb ta' din il-Qorti ma għandhom ebda importanza għat-talba in kwistjoni, u aggravji oħra ta' indoli personali wkoll, imma fil-konfronti ta' ħuh Carmelo Zammit, fis-sens li hija kienet tippreferixxi lil ħuh, billi tagħtih il-flus li kien irid bla ma toqgħod tqies, relazzjonijiet li għandhom indubbjament importanza għas-soluzzjoni tal-kwistjoni odjerna. jekk u kwante volte joħorġu mill-ordinarju, kollox meħud in konsiderazzjoni, tal-ħajja tal-konvenuta;

Illi r-relazzjonijiet tal-konvenut fil-konfronti ta' Carmelo Zammit li pperswadew lill-attur jaġixxi, huma:— 1. Li xi tnax-il sena ilu, u qabel ma Carmelo Zammit iżżewweġ, il-konvenuta tagħtu £70 biex ikompli l-prezz ta' karrozza li kien xtara, somma li binha Carmelo kellu jħallas lura; 2. Is-somma ta' £65 li l-konvenuta ħallset lill-istess binha fuq imsemmi, u li dan l-aħħar kien weħel bħala multa talli nqabad b'lampik, u dan ukoll qabel ma kien iżżewweġ; 3. Illi l-konvenuta qatt ma ħadet kura tagħmel kontijiet ma' Carmelo Zammit li ammetta li rċieva s-somom fuq imsemmija, però nnega pretensjonijiet oħra msemmija minn Giuseppa Deidun, u qal li huwa, meta kien baħri, bl-allotment kien ħallas dejjem ma' ommu; 4. Illi l-konvenuta ġie mument, fil-gwerra u waqt il-ħidma ta' l-għadu, li fdat il-kaxxa tad-deheb tal-flus u deheb lil Giuseppa Deidun bintha u dina, milli jidher, ipprofittat ruħha b'mod li l-konvenuta kellha tagħmlilha kawża, li ġiet in segwitu tranżatta u li in konsegwenza tagħha

l-konvenuta qiegħda tirċievi issa bir-rati s-somma sottratta minn bintha;

Illi fuq dawn il-fattijiet riżultati l-perit legali ġie għall-konklużjoni li l-konvenuta għandha tiġi poġġuta taħt is-sorveljanza tal-Qorti kompetenti, billi jew tiġi interdetta, jew inkella tiġi inabilitata milli tiddisponi mill-kapitali u ħwejjeġ oħra tagħha, speċjalment stabili, milli tagħmel mutwi, u milli tipoteka ħwejjiġha, għar-raġuni li hija tagħti wisq lil xi wħud minn uliedha u ma hija xejn kawta fl-amministrazzjoni tal-ġid tagħha għax tafda wisq, u dan in-nuqqas jista' jkun ta' preġudizzju għall-attur, għalkemm ammetta illi hija ma hix qiegħda (fil-preżent biss, għax għall-imgħoddi ma qal xejn) tagħmel spejjeż eżaġerati li jissuperaw l-introjtu tagħha;

Tikkunsidra;

Illi, fissati u stabbiliti l-fattijiet, jingħad illi fid-dritt pur il-fondament etiku ta' l-istitut ta' l-interdizzjoni u l-inabilitazzjoni huwa t-tajjeb ("il bene") għall-familja u għas-soċjetà; mhux biss għall-effetti prossimi, imma anki għall-effetti remoti; b'mod li l-limitazzjoni tal-kapaċità, kif iridu l-liġijiet, barra milli jkunu per neċessità difiża ġuridikament għall-persuna li ma tkunx kapaċi, jimmiraw u huma intiżi wkoll għad-difiża tas-soċjetà in ġenerali; l-għaliex min ikun ħela' l-patrimonju tiegħu mhux biss jagħmel deni lilu nnifsu, iżda jkun ta' piż lis-soċjetà li jkollha tmantnieh. U f'dan is-sens il-provvediment li qiegħed jissemma huwa limitazzjoni għall-prinċipju rikonoxxut mid-Dritt Ruman, u minnu limitat, u ċjoè:— "Quamvis enim suis quisque rei moderator atque arbiter, pleraque circa eas ex proprio animo faciat, non tamen omnia" (L. 21, Cod. Mandati);

Illi minn dana jitnissel illi, sabiex jiġi mogħti dana l-provvediment eċċezzjonali, irid ikun hemm fil-persuna li haqqha tkun inkapaċitata, jew aħjar li l-amministrazzjoni u l-libertà ta' dispożizzjoni tal-ħwejjeġ tagħha għandha tiġi ċirkoskritta jew limitata, u aktar u aktar imneħħija, dik id-dispożizzjoni ta' animu segwita minn dik il-kondotta li Ulpiano ikkwalifika f'dawn il-kelmiet:— "Inquam neque tempus neque finem expensarum habent, sed bona sua dilacerando e dissipando profundunt" (L. 1, ff, L.T.);

Illi huwa leċitu jingħad, fuq l-iskorta tad-Dritt Ruman u tad-Dritt Intermedju, dwar il-kondizzjoni ġuridika tal-prodigu, illi ma hemmx regola ġenerali sabiex biċ-ċertezza jiġi affermat minnufih li l-prodigalità hija fi kwalunkwe każ, "ut sic", kawża jew motiv ta' inkapaċità li timmerita l-provvediment maħluq mil-leġislatur għall-veri prodigi, perikolużi għalihom infushom u għas-soċjetà. Il-fatt kwindi ta' bilfors għandu jiġi mħolli għall-apprezzament tal-ġudikant, u dana għandu jara l-iskop ta' l-ispiża magħmula mill-persuna li tkun taħt proċess fid-dawl tal-ħsieb tal-kotra tan-nies, ċjoè l-ħsieb tal-ġeneralità għandu jkun, biex insejħulha hekk, il-miżura ta' l-azzjoni *singulari jew partikulari magħmula mill-persuna li* tkun għamlitha;

In ġenerali, huwa ta' min iħares lejn l-ispiża in diskussjoni u soġġetta għall-kritika tant mill-"punto di vista" ta' l-utilità, jew ta' xi kwalunkwe jew kwalsijasi soddisfazzjon, bil-kondizzjoni imprexindibili li tkun ġuridikament permessa u moralment ta' min jammirahā, mhux biss taħt ir-rigwardi soċjali, imma anki taħt dawk partikulari tal-familja li tkun. Barra minn dan, jingħad ukoll li l-provvediment tal-liġi jirrigwarda *norma ta'* kondotta *ta' ċerta* abitwalità, u *mhux att* jew attijiet puri, anki inkunsidrati, imbiegħda minn xulxin, singoli jew iżolati (ara f'dan is-sens Appell 15 ta' Jannar 1926, "Paolo Bonavia vs. Antonio Maria Dimech", Kollez. Vol. XXVI—I—388; ara wkoll fl-istess sens Annali tal-Ġurisprudenza Taljana, Volum XXVIII, P. I, paġ. 359, Kassazzjoni Torin 8 ta' Ġunju 1894 "Vaccaro vs. Muzzi"). Dana apparti n-natura intrinseka ta' l-att suġġett għall-kritika, u ċjoè jrid ikun att tali ta' vera dissipazzjoni, u li jkun *inissel miegħu bħala konsegwenza*, jekk mhux *immedjata* almenu medjata, ta' rovina jew dissipazzjoni ta' patrimonju;

Tikkunsidra;

Illi ladarba l-liġi tagħna, del resto bħal ħafna liġijiet oħra *kontinentali, meta titkellem fuq* l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni (ara artikoli 225-228 Kap. 23 Kodiċi Ċivili, Edizzjoni Riveduta) issemmi biss li dawk l-istituti huma ntiżi għall-imbeċilli jew altrimenti morda mentalment, jew prodigi, bla ma tagħti ebda definizzjoni tal-persuni hekk vizjati, tabilfors għal biex *jiġu stabbiliti dawk l-istati*, hemm bżonn *nirrikorru* għall-

principjí generali u, meta huwa l-każ, għal xjenzi sussidjari tad-dritt;

Illi huwa minnu li l-leġislatur għamel differenza bejn imbeċilli jew persuna li xort'oħra moħħha marid jew persuna ħalja; imma meta għal dawna l-istati adotta r-rimedji ugwali, u niżżilhom konkatenati flimkien, għandna nifhmu illi xi fil ta' konnessjoni generika, jekk mhux partikulari u speċifika, irid ikun hemm bejniethom. Huma tfal ta' l-istess omm, imma differenti; u jekk huwa hekk, l-istat ta' fatt, li ġuridikament ikun legalment u xjentifikament dak ta' prodigu, irid ikun stat patoloġiku kif ma jistax ma jkunx l-att ta' dak li jonfoq kull ma għandu fix-xejn u bla ebda vantaġġ jew utilità (ara Annali della Giurisprudenza Italiana" Vol. XIII, P.I, pag. 535. Cassazione Torino 31 Luglio 1879 "Viviani e Vergnano vs. Pubblico Ministero");

Tikkunsidra;

Illi, eżaminati l-fattijiet pruvati fid-dawl ta' dawna l-prinċipji, it-teżi attriċi ma tistax tiġi akkolta. Infatti t-trattament li l-attur qiegħed jilmenta minnu, apparti li jestendi ruħu għaż-żmien meta kien għadu żgħir f'ħaden familja ta' kondizzjonijiet u atmosfera ta' faqar u edukazzjoni skarsa, fil-bsieb ta' din il-Qorti, kif diġà ntqal fuq, ma għandu ebda importanza għat-talba ta' interdizzjoni għal prodigalità — għal liema talba hija ċirkoskritta l-azzjoni. Seta' jkollu piż għat-talba bażata fuq mard tal-moħħ, imma milli jidher dina l-kawżali hija kompletament assenti fil-provi li għalihom saret riferenza. Mill-banda l-oħra l-attur wera preokkupazzjonijiet li l-periti legali rrileva bħala impressjoni ta' abitudini ta' bniedem mhux kuntent u daqsxejn gemgumi, u dan l-istat ta' animu seta' forsi immanifika u kabbar fil-menti ta' l-attur ċerti premuri li l-konvenuta setgħet uriet fil-konfronti ta' ħuh Carmelo Zammit matul il-kors ta' xbubitu;

Illi dina l-Qorti ma tħossx li kien każ ta' disperdiment ta' patrimonju mill-parti tal-konvenuta li tħallas lil binha Carmelo Zammit il-multa li weħel sabiex ma jiskontahiex il-ħabs, li għaliex l-azzjoni tagħha estremament umana u istintivament suġġerita kienet, anzikkè azzjoni ta' disperdiment jew ħala', azzjoni lodevoli u mhux antilegali jew moralment kondannabili, u setgħet ukoll kienet intiża sabiex binha jkun

aktar malajr kapaċi jegħa' jibda jaħdem u jgħinha kif kien jagħmel qabel ma weħel. Del resto, fit-trattazzjoni tal-kawża anki l-avukat ta' l-attur ħass li għandu jikkunsidraha ħekk bħala azzjoni singula, għalkemm fil-kwadru ġenerali tal-kondotta tal-konvenuta ried donnu jżidha bħala piż favur it-teżi tiegħu. L-istess ħaġa jingħad għal xi flus li hija silfet lill-istess Carmelo Zammit, u li dana jgħid li patta bil-flus li kien jibgħatilha kull xahar meta kien ibaħħar. Dwar l-iżball li għamlet meta fdat il-flus lil bintha, dik l-azzjoni ma tistax tingħad att ta' persuna prodiga. L-ewweinett iċ-ċirkustanzi tal-gwerra ma kienux jagħtu wisq kamp għal ħsieb qawwi; u t-tieninett ir-relazzjonijiet familjari mal-persuna fdata, li kienet f'area aktar żgura mill-bombi (kienet rifuġjata r-Rabat ta' Malta) milli kienet tinsab il-konvenuta, jurt li l-iskop ma kienx dak ta' sfrattar ta' flus u oġġetti prezzjuži, iżda kawtela — jekk bniedem ried, jista' jgħidilha żbaljata jew le, issa "ex post facto" tista' ssejjaħ żbaljata — imma qatt riprovevoli, immorali, u anqas u anqas antiġuridika;

Illi jista' jkun li l-konvenuta minħabba fl-età tagħha l-lum tista' tkun influwenzabili fl-aġir tagħha; però dina l-Qorti ma tħossx illi, jekk hija hekk influwenzabili, il-grad ta' influwenza fiha jiġġustifika l-provvediment mitlub. Infatti, għalkemm il-lum deħebha u flusha qegħdin in depożitu għand Carmelo Zammit, hija ħadet il-prekawzjoni tieħu minn għandu riċevuta; u mill-provi jirriżulta li dawk l-oġġetti mobili għadhom jeżistu u ma ġewx dispersi b'mod li l-kriterju tagħha, meta għażlet lil Carmelo Zammit bħala depożitarju, juri li ma kienx mhux ta' persuna li normalment, skond ma għandu jaħseb kulħadd, taħseb tajjeb;

Illi fl-aħħarnett mill-provi jirriżulta illi mill-mewt ta' l-ewwel żewġha u fil-kors kollu tat-tieni żwieġ, hija, li ma kellha xejn, il-lum tippossjedi relativament xi ħaġa u effettivament awmentat il-patrimonju tagħha;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, previja l-konferma tad-digriet ta' dina l-Qorti bħala Sekond'Awla, tas-7 ta' Ġunju 1946, numru 1067/1944, jekk hemm bżonn, billi tiċħad it-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu. U f'dan is-sens tponi fini għall-kawża f'dina l-istanza.

---